MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 226/2004

**A f'isimha proprju u kif ukoll bhala kuratrici *"ad litem"* tat-tfal minuri B, C, u D Vella hekk niminata b'digriet tal-14 ta' Lulju 2004.**

**vs.**

**Dr. Richard Sladden LL.D. u l-P.L. Liliana Buhagiar li b'digriet tal-25 ta' Novembru 2003 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil E li huwa assenti minn dawn il-Gzejjer.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Lulju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet  izzewgu fit-28 ta’ Lulju tas-sena elf disgha mija u hamsa w disghin (1995) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok. “A”;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tlett itfal minuri, cioe’ B, C u D;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma baqghetx aktar possibbli u dana minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut, u cioe’ minhabba adulterju, swat, ingurji, eccessi, sevizzi gravi, theddid u mohqrija *di fronte* tal-istess attrici, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut ghal izjed minn sentejn abbanduna lill-attrici u lill-uliedu minuri minghajr raguni valida;

Illi sussegwentement, l-attrici giet awtorizzata b’digriet numru 133/2004 tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi b’kawza ghas-separazzjoni personali, kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok. “B”;

Illi skond l-imsemmi digriet, il-kustodja tat-tfal minuri giet fdata f’idejn l-attrici;

Jghid ghalhekk l-konvenut il-ghaliex dina l-Qorti, *prevja okkorendo* kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:-

1. Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi tkisser b’mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unici tal-konvenut kif fuq spjegat;

2. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri B, C u D tigi fdata lill-attrici, b’access regolat u f’hinijiet fissi favur l-konvenut;

4. Tikkundannah ihallas lill-attrici manteniment ghaliha u ghall-ulied minuri fuq imsemmija;

5. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut;

6. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew parti minnhom sa fejn applikabbli d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti;

8. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez, kollha nkluzi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Second'Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat id-dokumenti hekk esebiti;

Rat ir-rikors tal-attrici datat 9 ta' Lulju 2004 fejn talbet li tinhatar bhala kuratrici *ad litem* ta' l-ulied minuri;

Rat id-digriet datat 14 ta' Lulju 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat in-notifika tac-citazzjoni attrici u ordnat lill-attrici tipprezenta l-affidavits kollha taghha u nota guramentata;
Rat id-digriet nota guramentata moghti lill-attrici fl-14 ta' Lulju 2004 fejn gie ordnata telenka fil-qasir il-pretenzjonijiet taghha, bin-notifika tal-kontroparti li wkoll permezz ta' nota guramentata kellu jindika l-istess pretenzjonijiet tieghu u fejn ma jaqbilx ma' dak allegat u pretiz mill-attrici;

Rat id-digriet tal-affidavit attrici moghti wkoll fl-14 ta’ Lulju 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attrici ghaxart-ijiem (10) zmien sabiex tipprezenta l-provi kollha li tista’ permezz tal-procedura tal-affidavit;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet datata 17 ta’ Frar 2005 a fol. 22 tal-process fejn il-kuraturi deputati eccepew:-

1. Illi l-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-assenti konvenut;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati a fol. 23 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 24 tal-process;

Rat in-nota guramentata tal-attrici datata 9 ta’ Marzu 2005 a fol. 27 tal-process bil-visto tal-kontro-parti datat 9 ta’ Marzu 2005;
Rat in-nota tal-attrici **A** datata 9 ta’ Marzu 2005, li permezz taghha pprezentat l-affidavits **taghha stess**, ta’ **Louis Vella** u ta’ **Sharon Vella** a fol. 29 sa fol. 33 tal-process;

Rat in-nota tal-kuraturi deputati datata 10 ta’ Marzu 2005 a fol. 34 tal-process;

Rat il-verbal datat 24 ta’ Mejju 2005 fejn il-Prokoratur Legali Victor Bugeja ghall-attrici ddikjara li ma jafx x’inhu l-introjtu tal-konvenut. Iddikjara li ma hemm ebda assi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti. Iddikjara li ma hemmx provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2005 wara li l-kuraturi gew imsejha diversi drabi u baqghu ma’ dehrux;

## II KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Lulju 1995 u kellhom tlett itfal, B ta' disa' snin, C ta' tmien (8) snin u D ta' erba' snin. Jirrizulta li wara li l-istess familja ghamlet sena l-Ingilterra u gew lura Malta, l-konvenut abbanduna lill-familja fis-sena 2001 u minn dak in-nhar l-istess konvenut qatt ma ghamel kuntatt la ma' l-attrici u lanqas ma wliedu; kien gja abbanduna lill-attrici darba ohra wara sentejn ta' zwieg, izda wara xi xhur li ghamel l-Ingilterra kien gie lura Malta. Halla lill-attrici hekk b'xejn u fil-fatt l-attrici tghix bl-ghajuna socjali u ma' missier l-attur. Dan huwa kkoroborat minn Sharon Vella mart Richard Vella, hu l-attur li wkoll jinsab seperat minn martu, u din ukoll tghix ma' l-attrici.  Missier il-konvenut assenti jikkonferma dan l-istat svinturat ta' l-attrici fl-affidavit tieghu tas-7 ta' Marzu 2005.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha minhabba abbandun u eccessi u mohqrija, anke ghaliex l-istess konvenut halla litteralment lill-attrici u lill uliedha fil-bzonn u sahanistra abbandunahom ghall kollox. L-istess ghandhom tintlaqaw t-tieni, l-hames, is-sitt u t-tmien talba attrici.

Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata lill-attrici, izda ma jista' jigi likwidat l-ebda ammont ta' manteniment favur l-attrici u wliedha peress li ma' giex ippruvat li l-konvenut ghandu xi forma ta' introjtu, ghalkemm id-dritt ta' manteniment favur l-attrici u wliedha ghandu jibqa' jissussisti kontra l-konvenut.

Illi s-seba' talba attrici ghandha tigi milqugha b'effett mis-sena 2001 u tiddikjara li ma' hemm l-ebda assi fl-istess komunjoni u ghalhekk ma' hemm xejn x'jigi maqsum u diviz, b'dan pero' li kull dejn mal-Maltacom plc sakemm l-istess  konvenut kien Malta ghandu jibqa' a karigu esklussiv tal-konvenut assenti.

## III. <u>KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** pero' fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unici tal-konvenut kif fuq spjegat u dan konsistenti f'abbandun, eccessi u mohqrija.

2. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut kif indikat konsegwenti ghall-ewwel talba attrici.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri B, C u D tigi fdata lill-attrici;

4. Tiddikjara li l-attrici ghandha dritt ta' manteniment minghand il-konvenut u dan kemm ghaliha u ghat-tlett ulied minuri tal-partijiet, izda f'dan il-gudizzju ma' jista' jigi likwidat l-ebda ammont jew rata ta' manteniment peress li ma' gie indikat l-ebda introjtu *da parte* tal-konvenut assenti;

5. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut;

6. Tapplika kontra l-konvenut, interament d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti u dan b'effett mis-sena 2001 u tiddikjara li ma' hemm l-ebda assi fl-istess komunjoni u ghalhekk ma' hemm xejn x'jigi maqsum u diviz, b'dan pero' li kull dejn mal-Maltacom plc sakemm l-istess konvenut kien Malta ghandu jibqa' a karigu esklussiv tal-konvenut assenti.

8. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku din is-sentenza skond il-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut assenti fil-waqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------